Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-13 ta' Novembru 2023**

**Kump. Nru. 6599/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Jean Pierre Antoine Speciel**
**(Passaport Franciz Nru. 15CH01651)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Jean Pierre Antoine Speciel,** detentur ta' Passaport Franciz 15CH01651.

Akkuzat talli fis-16 ta' Ottubru 2022, gewwa Triq Marsa-Hamrun Bypass u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin :

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, minhabba f'hekk Claudio Zarb bata offiza gravi fuq il-persuna, bil-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta skont kif iccertifika Dr Patania Paride MD 6430 mil-MDH u dan skont artikolu 328(b) tal-Kap. 9;

2. Saq il-vettura ta' ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni MPC 503 b'manjiera perikoluza;

3. Kif ukoll talli waqt li kien qed isuq il-vettura ta' ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni MPC 503 naqas li jzomm man-naha tax-xellug tat-triq jew naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitlba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabiliti mill-L.S.65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Jean Pierre Antoine Speciel tal-31 ta' Awwissu 2023.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed il-*parte civile* Claudio Zarb fejn qal illi fis-16 t' Ottubru 2022 f'xi 12.45pm waqt illi kien qieghed isuq il-mutur mill-Marsa sa' Qormi minn taht il-bridge il-gdid (orangjo), huma kienu fuq il-karrigata ta' gewwa, fis-slow lane, tiela' l fuq, fejn hu xeghel l-indicator biex jinzlu ghal Hal Qormi. Kien dahal fil-karrigjata li taghti ghal Hal Qormi u dak il-hin il-karozza ta' hdejh, li kienet fil-karregjata fid-direzzjoni ta' Santa Venera gibdet ghal fuqu ghax qaleb il-lanes totalment. Ix-xhud gharaf l-imputat, li kien il-persuna li kien qieghed jsuq vettura bajda. Ix-xhud kompla jghid illi hu kellu l-mara tieghu mieghu fuq il-mutur Kymko 400, li kien mutur kbir. Ix-xhud qal illi kif ra lill-imputat gej ghal fuqu, ghafas iz-zewg brejkijiet f'daqqa, izda l-imputat xorta laqtu fuq il-genb kollu, b'konsegwenza li hu u l-mara nqalbu fuq in-naha tal-lemin. Il-karozza kellha l-genb ta' wara milqut, ghax is-sinjur ma waqafx mill-ewwel izda mexa ftit metri ohra. Ix-xhud qal illi hu kellu griehi ta' tlett iswaba ta' saqajh tal-lemin, *dislocated toes* u *fractured collar bon*e in-naha tal-lemin, izda l-mara tieghu ma soffriet ebda griehi. Ix-xhud kompla jghid li ghamlulu l-gibs u strappjawh u baghtuh id-dar dakinhar stess f'xi 8.00pm. Ikkonferma li Dok CZ1 kien ic-certifikat tat-tieni vista tieghu, li jghid li kelli *dislocation* ta' tlett iswaba u *collar bone fracture*. Il-mutur garrab hsarat li sa dakinhar kienu telghu ghal €1,400, izda dawn setghu jizdiedu la darba jizzarma. Hu kien gja ilu tlett

gimghat ma jmur ghax-xoghol u kellu vista ohra l-gimgha d-diehla. Ix-xhud gie muri *aerial photo* Dok QT1 fejn indika li l-impatt sehh fejn tibda t-triangle mal-art b'ittra X, u li hu kien ghaddej bejn 20 u 30kms. Hu waqaf fl-istess post ghax kien kwazi waqaf bil-brejk u ma tkaxkarx. Ix-xhud cahad illi hu pprova jizgicca minn gewwa, u li l-kuntatt sar fejn kien gie mmarkat bl-ahmar. Gie muri Dok QT2 fejn ukoll cahad li l-impatt sar fejn hemm is-salib, u l-mutur waqaf fejn hemm mutur impingi. Il-*parte civile* rega' xehed fis-16 ta' Jannar 2023, fejn ipprezenta erba' ritratti mmarkati Dok CZ2 li turi li l-entratura tal-karrigjata hija hafna itwal minn dawk li pprezenta l-imputat li kienu mehudin minn *google maps* li turi kif kienet it-triq qabel ma sar ix-xoghol u li kien qieghed jipprezenta bhala Dok CZ1. Ipprezenta ukoll tlett ritratti tal-incident attwali immarkati Dok CZ3. Ix-xhud ikkonferma illi l-mara tieghu Alexis Zarb kienet hadet ir-ritratti mmarkati Dok CZ1 bil-mowbajl li turi l-linji interrotti u hu kien ha dawk immarkati CZ2 jumejn qabel.

Illi xehed PS 737 fejn qal illi fis-16 t'Ottubru 2020 wara li kienu ircevew rapport li kien hemm incident fil-bypass tal-Marsa/Hamrun direzzjoni San Giljan, mar flimkien ma' PS2292 u PS1304 fi Triq li tinzel ghal Maltapost Qormi. Kif waslu sabu lil Claudio Zarb, is-sewwieq tal-mutur li kien bil-qieghda li gharaf fl-awla, li kien qieghed jilmenta minn griehi u l-mutur FCE 375 kien mal-art fuq in-naha tal-lemin. Aktar 'l isfel kien hemm vettura bin-numru MPC503 li kellha hsara fuq il-genb ta' wara tax-xellug. Indikawlu li kienet involuta fl-incident, fejn hu ha l-verzjoni tax-xufier Jean Pierre Speciel, li gharaf fl-awla bhala l-imputat, u l-verzjoni ta' Valarie Claude Jean Picon li kienet passiggiera mieghu. Huma qalu li kienu fuq il-karregjata tax-xellug u riedu jeqilbu ghal karregjata li taghti ghal Qormi, fejn l-imputat xeghel l-indicator u dak il-hin ma kien hemm hadd quddiemhom jew ma' genbhom, u kif kissru semghu hoss, u waqqfu mal-genb aktar 'l isfel biex jaraw x'gara, u ndunaw li kien hemm incident mal-mutur. Hu informaw lill-iSpettur peress illi kien jaf illi Speciel kien ser jitlaq minn Malta. Hu pprezenta sketch li kien ghamel hu mmarkat Dok KDU1, u tlett ritratti mmarkati bhala Dok KDU2 u dokumenti bin-noti tieghu mmarkat bhala Dok KDU3.

Illi xehdet Rosemarie Formosa, fejn qalet illi kienet stazzjonata l-ghassa tal-Marsa, u li fis-16 ta' Ottubru 2022 gew infurmati li kien hemm incident il-bypass u kif waslu nnotat mutur Kymko bin-numru FCE37 meqlub mal-art. Is-sewwieq Claudio Zarb, li gharfet bhala l-parte civile fl-awla, qal illi kien ghaddej bil-mutur, u l-karozza Hyundai qalbet il-lane ghan-

naha tieghu minghajr *indicator* u laqtitu, u hu inqaleb mal-art. Hu kien mugugh u ntalbet l-assistenza medika u ttiehed l-isptar bl-ambulanza. Hi ma kellmitx lis-sewwieq tal-karozza.

Illi xehed Christopher Seychell PS1304 fejn qal illi fis-16 ta' Ottubru 2022 ghal habta tan-12.30pm mar ma' PS737 il-bypass tal-Marsa wara incident, fejn sabu mutur bin-numru FCE375 ma' l-art fuq il-lemin tieghu u aktar 'il quddiem kien hemm karozza tal-ghamla Hyundai bin-numru MPC503 wieqfa. PS 737 beda jkellem lix-xufier tal-karozza li gharaf fl-awla bhala l-imputat, u hu beda jkellem lix-xufier tal-mutur Claudio Zarb li gharaf fl-awla bhala l-parte civile. Claudio qal illi kien ghaddej fuq il-lane tieghu u giet vettura mill-karregjata l-ohra minghajr ma xeghel l-indicator u laqtitu bil-konsegwenza li waqa'.

Illi xehed l-iSpettur Ivan Vella, fejn qal illi fit-18 ta' Ottubru 2022 gie infurmat minn PS 737, li fis-16 ta' Ottubru 2022 kien sehh incident tat-traffiku u x-xufier tal-mutur kellu griehi gravi. Is-sewwieq l-iehor involut fl-incident kien ser jitlaq minn Malta xi gimgha wara u ghalhekk kien arresta lil Jean Pierre Antoine Speciel fejn kien hadlu l-istqarrija u kien ha ukoll l-istqarrija tal-mara tieghu Valarie Claude Jean Sean, li kkonferma li kienu Dok IV3 u Dok IV6, fejn it-tnejn kienu assistiti mill-interpretu. Hu ta lil imputat *police bail,* u 'l ghada tressaq il-Qorti. Ipprezenta wkoll l-affidavit tat-tabiba Patinia Aridem mill-Isptar Mater Dei, Dok IVX1.

Illi xehed Paul Tanti, direttur ta' KWL Ltd li tikri l-karozzi, fejn qal li hu kien gie infurmat mit-tifel tieghu Lawrence, illi kienu krew karozza lil persuna Franciza u kienu laqtuh minn wara, izda ma kienx ra l-karozzza hu. Ix-xhud ppreżenta Dok PT1 kopja tar-registrazzjoni u tal-insurance Hyundai tal-karozza MPC503 li huma validi sa Jannar 2023.

Illi xehdet Alexis Zarb fejn qalet illi fis-16 t' Ottubru 2022 kienet passiggiera fuq il-mutur misjuq mir-ragel taghha Claudio Zarb, f'xi 12.15pm, u li kienu fuq il-Marsa Hamrun bypass u qabdu n-nizla lejn Qormi kwazi mat-triangle. Aktar 'l isfel fil-post fejn hemm immarkat bl-ittra X fuq Dok CZ2 sar l-impatt mal-karozza. Ikkonfermat illi r-ritratti mmarkati Dok CZ3 kienet hadithom hi bil-mowbajl. Fl-ewwel ritratt jidher il-mutur maqlub, it-tieni u t-tielet ritratt hadithom minn wara biex turi fejn kienet waqfet il-karozza. Il-karozza filli kienet qieghda fil-karregjata sejra lejn Santa Venera u f'daqqa wahda saqet ghal go fihom fil-karregjata ta' Hal Qormi. Cahdet illi kienu zgiccaw min-naha ta'

gewwa, ghax kienu fil-lane ta' Hal Qormi u rat il-karozza riesqa. Ma kellhomx fejn imorru u r-ragel zamm il-brejk, u ma kienx ghaddej aktar minn 40km jew 50kms, ghax kieku kienu jiskiddjaw tant li hi ma gralha xejn. Ix-xhud kompliet tghid illi r-rota tal-mutur qabdet mal-bumper tal-karozza.

Illi xehed Wayne Borg, li huwa pulizija, fejn qal illi fis-16 t'Ottubru 2022 inzerta jsuq fil-Marsa Hamrun bypass fejn innota mutur Kymko bin-numru FCE375 misjuq minn persuna maskili u mara femminili bhala l-passiggier. Kien hemm karozza bajda Hyundai bin-numru MCE503 li minghajr sinjal ta' xejn kisret mill-karregjata ta' Santa Venera ghan-naha tal-lemin fuq il-karregjata ta' Hal-Qormi fejn laqghtet il-mutur. Hu kien ezatt wara l-mutur fil-lane ta' Hal Qormi u ma' l-impatt rahom jaqghu. Ix-xhud kompla jghid illi kif ra hekk xeghel il-hazards u cempel l-ghassa u ghal ambulanza, ghax ix-xufier tal-mutur kellu ugigh f'saqajh u f'idu. Wara l-impatt il-karozza mxiet xi 10 jew 15-il metru qabel ma waqfet, u l-persuna femminili marret tkellmu ghax kellha xokk fuqha, imma ma kellhiex griehi. B'referenza ghal Dok CZ2 ritratt 2, jghid illi l-impatt sar fejn hu immarkat bl-ittra X u mal-impatt il-mutur baqa' sejjer ftit sekondi u tilef il-kontroll u waqa', u li ma waqax fuq ix-xellug izda waqa' fuq il-lemin.

Illi fl-20 ta' Marzu 2023 xehed Lawrence Tanti, fejn qal illi l-kumpanija tieghu kienet kriet karozza Hyundai 10 bajda, bin-numru MPC503 u kienet dahhlet lura l-ajruport b'daqqa fuq wara, fejn il-klijent kien qalilhom li kien dahal xi hadd fih. Meta hu ra l-karozza, kellha l-bumper fuq il-genb tal-mudguard mkisser u girfa zghira fuq il-pum tal-bieba ta' wara li seta' sar bil-handle bar tal-mutur. Gie muri Dok LT1 u kkonferma li kienu dokumenti mahrugin minnhom, u l-hsara li kellha l-karozza kienet fuq il-bumper u kien hemm miktub *near bumper damage*. Hu mmarka b'cirku u ffirma hdejha, izda ma jiftakarx jekk il-fanal kienx inkisser ukoll. Il-vlegga mhux huma ghamluha, u huma ma jindikawx kull girfa imma jiftakar li kien hemm girfa. Din giet immarkata bil-biro hamra fejn ix-xhud indika li kienet il-girfa. Gie muri Dok CZ4 u kkonferma li kienet il-girfa li tidher taht il-pum li giet immarkata bl-ahmar, u li din ma kinitx hemm meta krewlu l-karozza. Huma ma mmarkawhiex meta dahlet ghax la kien mkisser il-bumper il-claim tkun wahda li tkopri kollox.

Illi xehed l-imputat Jean Pierre Antoine Speciel, fejn qal illi hu kien mal-mara qieghed jsuq lejn il-Belt u kien qieghed jsegwi l-GPS li indikalu biex jikser fuq ix-xellug ghal *exit road,* hu hares fit-tlett mirja u warajh kien hemm ghal hin twil karozza zghira ta' kulur car. Hu kien qieghed jsuq fil-karregjata tax-xellug bejn 50 u 60km u naqqas il-velocita' u mar fl-*exit road* fuq ix-xellug, li kienet karregjata dejqa u saq bi dritt sakemm sema' hoss fuq in-naha ta' wara tal-karozza. Hu waqaf ftit sekondi wara u kif hareg ra mutur ma' l-art u ragel jistrieh mal-hajt. Marret mara tkellmu izda ma fehemiex. Kif waslu l-Pulizija talbuh id-dokumenti u saqsewh x'gara, u baqa' hemm sakemm il-persuna telqet fl-ambulanza ghax kellu qatgha fuqu. Ix-xhud pprezenta tlett ritratti u tlett *print outs* mmarkati JAS1. Wara kienu baghtu ghalih il-Pulizija, u kemm hu kif ukoll il-mara tieghu kienu taw il-verzjoni taghhom, u hu gie arrestat u wara tressaq il-Qorti. Ix-xhud kompla jghid li hu Franza jsuq fuq il-lemin, ghalkemm kien saq fuq ix-xellug f'Cipru u l-Ingliterra u qabel l-incident kien saq hafna kilometri f'Malta u kien sejjer il-Belt. Hu immarka bil-vlegga hamra fuq Dok JAD1 id-direzzjoni li kien sejjer originarjament. F'Dok JS2 immarka X fejn kien qieghed qabel l-exit, bin-numru 1 meta beda jersaq lejn l-exit tax-xellug u bin-numru 2 fejn sema' l-hoss. Hu kkonferma li xeghel l-indicator u qatt ma ra l-mutur. Fil-kontro ezami kkonferma li kien qieghed juza' *google maps* fuq ic-cellulari li kien f'idejn il-mara tieghu. Ma jiftakarx jekk huma tawx id-direzzjoni tal-Belt fil-*google maps* kif telqu minn fejn kienu qeghdin joqoghdu, ghax il-mara kienet qieghda tiehu hsieb, u hu kien qieghed isuq. L-imputat cahad illi daru f'daqqa, ghax il-GPS indikalhom biex jinzlu l'isfel.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta illi fis-16 t'Ottubru 2022, sehh incident tat-traffiku fl-*exit road* mill-Marsa/Hamrun Bypass, fin-nizla li taghti ghal Posta gewwa Hal-Qormi. L-incident sehh bejn karozza misjuqa minn persuna ta' nazzjonalita' Franciza, l-imputat, u mutur misjuq minn Claudio Zarb il-*parte civile,* li kellu l-mara tieghu riekba mieghu. Fl-incident il-mutur waqa' ma' l-art u s-sewwieq Claudio Zarb wegga' u kellu griehi li gew iccertifikati bhala griehi gravi. Skont is-sewwieq tal-mutur u l-mara tieghu, huma kien gja fil-karregjata ghal Hal Qormi, filwaqt illi s-sewwieq tal-karozza kien fuq il-karregjata li taghti ghal Santa Venera, fuq il-karregjata ta' gewwa (*slow lane*) . F'daqqa wahda is-sewwieq qaleb ghal-*exit road* li taghti ghal Hal-Qormi, li kienet fuq il-lemin tal-karregjata tieghu, minghajr ma xeghel l-indicator u konsegwentement, l-imputat

tefa' ghal fuq il-mutur, fejn l-*parte civile* zamm brejk, izda l-karozza xorta laqtitu bil-konsegwenza li waqa' fuq in-naha tal-lemin. L-imputat u l-mara tieghu qalu li huma kienu ghaddejin fi triqithom u dahhlu fl-exit road, u raw li ma kien hemm ebda vettura fil-karregjata, fejn f'daqqa wahda semghu hoss u waqqfu biex jaraw x'gara, u raw il-mutur mal-art. Illi wiehed mix-xhieda, Wayne Borg li huwa Pulizija, imma li dak il-hin kien pajzan, qal illi ra l-incident, fejn il-karozza qalbet ghal fuq il-karrregjata *exit road* ghal-Hal Qormi, minghajr ma xeghlet l-indicator, habtet fil-mutur u l-mutur waqa' mal-art u kif ra l-akkadut, hu waqaf biex jaghti l-ewwel ghajnuna.

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali kif ukoll semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 218, 226(1)(a) u 328(b) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u Regolament 75 tal-L.S 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' elfejn Euro (€ 2,000).**

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tiskwalifika lil hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal perjodu ta' tmien (8) t'ijiem mill-llum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**